# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra. Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. | IT-TLIETA, ID-9 TA SETTEMBRU, 1913. | NRU. 81.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Ħmerija oħra.

Issa li ninsab fil vacanzi, u ix-xogħol ŭakafli xi dakxejn, irġajt tħajjart nicteb xi ħaġa fuk il *Habib*, l'eŭŭelnett biex nagħmel xi ftit tal gid lil ħuti, u it-tieni biex meta id-Direttur ta dal ġurnal jiltaka miegħi ma iċanfarnix, għax nisiħajjlu mhux mimli għalija ftit, billi ħallejtu bħall'Erbgħa fost il Gimgħa; u għandu raġun; imma cont imħabbat bla ħniena.

Jena dejjem xorta ŭaħda; bdejt bil ħmerijet tal appostli ġodda, u urejt biċ-ċar chif tilfu rashom, u hecc irrid incompli, jigifieri incompli nuri il ħmerijet taħħom, u daŭn ma humiex ftit; għax jecc bħalma igħid Salamun li "stultorum infinitus est numerus," jigifieri li ħadd ma jista igħodd il boloħ għax huma bla tarf, hecc ucoll ħadd ma jista igħodd il ħmerijet taħħom.

Jecc niftacar tajjeb, l'aħħar ħmerija li rajna chienet din: il il għerf ta daż-żmien igħid li il bniedem imut bħall ktates u il clieb, jigifieri li meta imut ma imurx id-dinja l'oħra, għall ħlas, imma jispiċċa fix-xejn, billi ir-ruħ tiegħu tispiċċa. Issa dil ħmerija kaluha l'eŭŭelnett għax tilfu rashom, u dan ilna nafuħ; it-tieni biex mita ighixu bħal daŭc l'annimali ta gheddumhom tŭil, il ħsieb tad-dinja l'oħra ma idardrilhomx il ħajja taħħom mokżieża; u imbagħad biex icunu jistgħu igħidu ħmerijja oħra, li jigifieri, la ma hemmx ħajja oħra barra minn din, ankas ma hemm l'infern. U dil ħmerija kaluha, għax haŭn chellhom jaslu.

L'infern? x'infern, infern, din kalgħa tal Kassisin, biex ibeżżgħuna bil babaŭ, bħallichiecu il Kassisin billi iħeżżgħu bl'infern sejjrin jakilgħu xi ħaġa. Jeŭ coss l'infern ma jakgħux huma ucoll jecc ma jagħmlu seŭŭa u jecc jinseŭ id-dmirijet taħħom biex jiġru ŭara il ħmerijet tad-dinja.

Naraŭ immela jecc jinsabx l'infern, u jecc jinsab bħalma sejjrin nuru incunu nistgħu ngħidu li daŭn l'appostli ġodda tad-daŭl tad-dinja huma ħmir u mux ħaġ'oħra ħlief ħmir cbar jeŭ żgħar; imma ħmir.

Il bniedem hu maħluk għall hena; imma il għaliex il hena ta tabilħakk, il hena veru li katt ma jista jigi imdardar bid-dŭejjak ta kalb, ma jistax jinsab f'dil ħajja, u din hi ħaġa li ħadd ma jista jiċħadha, għandna ingħidu li jeŭ il bniedem ma jista katt icun hieni, u hecc hu agħar mill'annimali, jeŭ għandu isib dal hena tiegħu fid-dinja l'oħra, fis-Sema. Hecc tgħidilna ir-raġuni u hecc ucoll tgħallimna il fidi.

Issa il bniedem biex jakla dan il ferħ u icun hieni tas-seŭ, għandu f'did-dinja igħix seŭŭa fit-tjubija u il kdusija tal ħajja; f'chelma ŭaħda, billi jagħmel dejjem u f'collox il volontà t'Alla l'imbierec. Mischin hu jecc ma jilħakx dan id-dmir tiegħu, għax minn f'lôc ma jidħol fil ferħ tas-Sema, isib ruħu imŭarrab finnichet tal infern u għall dejjem.

Issa dan l'infern, chiecu il ħbieb tad-dinja ma iriduħx u jixtieku li chiecu ma jinsabx; imma dix-xeŭka ma hix biż-żejjed biex tneħħi dac li għamel Alla l'imbierec u ankas hi għaldakshecc biż-żejjed biex turi li ma jinsabx l'infern. It-tħanbiek immela collu tal għorrief tad-dinja ma jurix li ma jinsabx l'infern, l'actar juri ix-xeŭka taħħom li ma iriduħx; imma jecc chif igħid il Malti, ħanka ta ħmar ma titlax fis-Sema, hecc ix-xeŭka ta daŭn tħalli l'infern chif giè maħluk mn'Alla.

Mela, daŭn li iridu jatu id-daŭl lid-dinja bis-sulforini tal cubrit, jeŭ bil ħaġra taż-żnied, jeŭ aħjar b'xi mużbieħ il-lejl, igħidu li ma hemmx infern, li li hu kalgħa tal kassisin, li ħadd ma giè mid-dinja l'oħra igħidilna biħ u ħŭejjeġ oħra bħall daŭn.

Billi igħidu hecc collu għal xejn, għax l'infern hu verità hecc ippruvata u hecc mibnija tajjeb, li ħadd ma jista iŭakkaħħa. Alla l'imbierec għoġbu jurina dil verità f'li Scrittura Imkaddsa, in-nies tad-dinja collha għalchemm bgħid minn xulxin, għalchemm ma humiex ħaġa ŭaħda fil lingŭa, fin-nazzjon, f'l'educazjoni, fil clima, fil kaŭŭa, fil għerf u fir-religion, collha insibuhom li emmnu dil verità; il għaliex l'istess dehen tal bniedem igħallem u iŭettak dil verità tal fidi tagħna; tant li l'istess għedeŭŭa tar-religion stkarreŭ li l'infern ħadd ma jista jiċħdu, għaliex jinsab ta tabillħakk. Araŭ xi igħid il għaref pagan Celsu, li chien jobgħod ferm l'insara: «*L'insara*, igħid dan il għaref, *ma għandhomx tort li jaħsbu li daŭc li igħixu tajjeb ŭara il meŭt jitħallsu, u li il ħżiena igarrbu pŭieni bla tmiem. Ma dan collu dil fehma taħħom hi bħalma taħseb id-dinjn collha.*»

U seŭŭa kâl għax id-dinja collha emmnet u temmen fl'infern. Meta in-nies ħalleŭ il veru Alla, biex taŭ kima ll'allat għamil idejn il bniedmin, bakgħu jemmnu fl'infern, għalchemm daħħlu mas-seŭŭa il ħmerijet tal ħrejjef, imma din il verità żammeŭha. Min ma karax il ħrejjef tal Griegħi u tar-Rumani fuk it-Tartaru, l'infern tal pagani, impingi hecc tajjeb minn Virgilju fis-sitt ctieb tal Eneide? Ma nsemmux il-Lhud li dakka sejjħu l'infern *Xeol*, u dakka oħra, ŭara li ħelsu mil jasar tal Babilonja, *Ġue-Hinnom*, mill'isem ta ŭied ħdejn Gerusalemm, ŭied fejn Moloc, alla falz, chellu il kima tiegħu; isem li tbiddel f'Geenna bħalma insibuħ imsemmi ucoll fil Ligi il ġdida. U min ma samax li l'Indji nies ta geŭŭa il kieħ tal Asia sa mill'eŭŭel żmienijet chienu jemmnu fil Genna u fl'Infern? Daŭn chienu igħidu, li meta ŭieħed imut, ruħu tmur għand *Yavan*, alla tal meŭt, fejn tinkatgħilha; jecc il mejjet

f'ħajtu chien tajjeb, dir-ruħ tmur fl'*Isvarga*, is-Sema taħħom, inclelè fin-*Naraka*, l'infern taħħom. Żoroastru il għaref fil cotba tiegħu igħid l'istess ħaġa; u biex ma intaŭŭlux, narġa ngħid li collha chemm huma innies ta cull religjon u ta cull żmien, dejjem emmnu fil Ġenna u fl'Infern. Fi żmienijetna chellhom jidhru nies li b'għerfhom collu u bid-daŭl collu li jippretendu ixerrdu ma dŭarhom cull fejn jidhru, fi żmienijetna chellhom jidhru daŭn u igħidu li ma hemmx l'infern.

Ma stħaŭx jeħduha man-nies taddinja collha, man-nies ta cull żmien u ta cull religjon? ma stħaŭx jagħmlu dil figura? il għaliex daŭn li huma tant għorrief, jafu actar minn cullħadd, li dic il ħaġa li hi emmnuta min-nies tad dinja collha u ta cull żmien ma tistax ma tcunx vera, u ŭaħda minn daŭn il ħŭejjeġ hi l'infern. Issa la daŭn it-talin ħaduha mannies tad-dinja collha u ta cull żmien, jeŭ huma imgienen jeŭ ħmir: f'chelma ŭaħda ma humiex ta min jemminhom. Min irid imbagħd jaf xi ħaġa oħra fuk l'infern ma jonksulux priedchi u ankas cotba. Dac li għedna il lum hu biż-żejjed biex juri chemm tilef rasu min ċaħad l'infern, u chemm tilifha iżjed min igħix bħallichiecu l'infern ma jinsabx.

DUN MANŬEL.

## Ma dûarna.

Nifirħu, b'kalbna collha, lill Patri Majjistru Professur Anastasju Cuschieri li, nhar ittlieta tal gimgħa l'oħra, raġa giè magħżul it-tieni darba bi Provincjal tar-Reverendi Carmnitani ta Malta. Kalet il *Malta Chronicle* li il Professur Cuschieri jagħmel onur mhux biss lill'Ordni tiegħu, imma lill Malta collha chif iddur: u kalet seŭŭa: u igħidu cull-ħadd.

—Ragel ta min jorbot fuku, impiegat tal Gvern fil għôli, talabna nħabbru li chien marid gravi u malli għamel ŭegħda lill Venerabbli Adelaide Cini li, jecc ifiek, ixandar il grazzja f'gażetta, biex iħaġġeġ il kîma tal insara lejha, ħassu tajjeb u illum raġa f'saħħtu għal-collox.

—Niżżu-ħajr lill Monsinjur Arci-Iskof li għoġbu jibgħatilna il *Pasturali* maħruġa Minnu fuk il *Festi Costantinjani*.

—Li *Storja tal Papiet* u il *Pregiudizzi contra il Kassisin*, imħabba li naksilna il ŭisa, jibkgħu għall gimgħa id-dieħla; chif ucoll l'articlu tab-Tabib Busuttil, għal li stess ragjuni: imma, billi huma it-tlieta tal impurtanza, icollhom il postijet ta kuddiem, chif jixrak lilhom u lil min chitibhom.

—Għandna xi ħames poeżiji li għadna ma stajniex ingibuhom fil *Habib*—fost l'oħrajn, tnejn sbieħ tas-seŭ tas-Sinjuri Micallef u Sammut: imma ftit tal pacenzja: min jistenna jitħenna, għax id-dar żgħira u il kalb cbira.

—Ħareġ il ctieb fuk l'Emigrazzjoni għall Canada, Stati Uniti tal America u l'Aŭstralja, tal Professur Manchè, M.D. Dan ctieb ta fejda cbira għal min irid isiefer. Ixtruħ u akraŭħ—ikum sold u nofs biss.

Tużżana (għal min irid jarġa ibieħħhm) xelin: minn għand *Muscat* ta Strada Mercanti, il Belt.

—Il Pirjoli tal Ordni tal Carmnitani saru hecc: ir-Rev. Tumas Cutajar, għall Cunvent tal Belt (it-tieni darba); ir-Rev. Albertu Żammit, għal ta li Mdina; ir-Rev. Ŭigi Micallef, għal ta San Giljan; u ir-Rev. Djonisju Spiteri, għal ta Santa Venera. Nifirħulhom collha.

—Fil bitħa tal Palazz tal Iskof, hemm ħafna xorti minn tat-tiżjin tal *Cungress Eŭcaristicu*: min irid jixtri minnhom, jista' imur jarahom, basta jidħol mil bieb ta *Strada Zecca*, fejn isib ucoll persuna kiegħda hemm biex tatiħ l'informazzjonijet collha.

—Niżżu-ħajr lill Professur Bilion, li għoġbu jokgħod jictbilna biex jifirħilna għal dac in-nitfa ta Sunett bil Malti lill San Bartilmeŭ. Mela, xi ngħidu aħna għas-Sunett bit-Taljan li chiteb hu lill San Dumincu?.... Barra milli hu Direttur ta Scôla mill'aħjar u mill'actar imsemmija, Scôla li tâti dejjem lill Liceo tfal mill'iżjed, għax fiha it-tagħlim isir bil ħeġġa u bir-ruħ, il Professur Billion hu ucoll poeta; u il poeżiji tiegħu ifittxuhom l'aħjar letterati ta Malta.

—Il Professur Carlu Borġ, Direttur ta Scôla oħra mil gŭappi, ħalla li Stitut li chellu l'Isla, għax giè magħżul mil Conslu Taljan biex imexxi li *Scôla Umbertu* li sejjra tiftaħ ix-xahar id-dieħel, haŭn il Belt, strada Zecca, ħdejn Tal-Carmnu; u f'lôcu, għall li Stitut tal Isla, daħal ir-Reverendu Canôncu Dun Ġŭann De Domenico, Th. P., Sacerdot mill'actar istruiti u zelanti, li għamel li studju tiegħu mal Giżŭiti u f' Culleġġ Ingliż ta Ruma, fejn ħa il Laŭrja; u għal hecc aħna, minn jeddna u b'kalbna collha, nirriccmandaŭ ferm li Stitut li diġà ħa taħt idejħ mill'eŭŭel ta dan ix-xahar, persŭasi li il fâma tajjba mħollija fiħ mis-Sur Borġ, mhux li ma tonkosx, imma toctor dejjem.

—Is-Sunett li gibna illum actarx icun haŭn min igħid li ma tantx chien igħodd għalina: imma chitbu ġuvnott, is-Sur Gius: Camilleri, li aħna naraŭ fiħ drapp mill'aħjar għall poeżija u għal hecc ridna nagħmlulu il kalb. F'dan is-Sunett hemm ħsiebijet u versi *endecasillibi* li stħajjilnihom igħidulna: *Dan il ġuvnott icun iħosshom il poeżiji, mhux igħoddhom bit-tużżana*!

## Minn gimgħa għal oħra.

*29 ta Aŭŭissu* — Mgħal Francis reġgħu l'ura 70 milli chienu emigraŭ, il biċċa il cbira mil Canada. Imma il flus li nefku biex marru le geŭ magħhom, jecc ma chellhiex ucoll tibagħtilhom il familja biex jiġu l'ura; għax smajnieħ minn chemm il ŭieħed u krajnieħ ucoll f'ittri li geŭ minn hemm, li ħafna ma jarġgħux l'ura għax ma għandhomx biex. Dan jisŭielna biex darb' oħra nkisuha tajjeb kabel ma nfattruha. Bosta ankas sabar ma chellhom jistennew sa chemm jaraŭ chif jaħbtu daŭc li marru kabel, imma fittxeŭ għaġġlu marru.

—Is-sena li għaddiet il Gvern daħħal mil Posta £ 21,901, u süietlu £ 18,046. Bakgħalu mela £ 3,855 klieħ, li giè l'actar minnumru cbir ta *post money orders*, b'collox 13,678, li ŭasslu is-somma ta £56,889. Minn daŭn £ 37,162 tħallsu mil Posta; actar missena l'oħra £11,868. Ma nafx jecc di'ż-żjeda għandhiex x'taksam mgħal emigrazzjoni.

Il *Gloucester* għandha tcun haŭn ma iddumx biex tidħol il bacin. Jalla ix-xogħol!

*1 ta Settembru*—Magħ tul is-sena li għaddiet il Caxxa ta Malta daħħlet £ 442,035 u nefket £ 427,581. Mela faddlet £ 14,454. Il Posta u l'ilma taŭ actar mis-sena ta kabel, imma issa x'naf bil ligi li ħarget ġdida fuk l'ilma, li għandu jitħallas collu, u jecc ma tisseŭŭiex il biċċa tal valiggja, li tibka' ta colljum, il kliegħ jonkosx, bħalma nakas fid-Dŭana, fil Korti, fil Ferrovija u fil Luce Elettrica, li taŭ ankas mis-sena ta kabel £ 6,946,,18,,8½. Il Gvern, u haŭn kiegħed l'akŭa, fis-sena li għaddiet nefak ankas mis-sena ta kabel £ 40,202. L'Economija daħlitlu seŭŭa, u li ma chienitx il ligi tal Pensjoni, li impiegat, għeluk il 65 sena, għadu jeŭ ma għadux jiflaħ jaħdem, jiħtieġlu joħroġ bil pjazza, u l'oħra li min jeħel *multa* għandu iħallasha fil ŭakt jeŭ inchella imur il ħabs, chien jisparanja bil bosta actar. Hemm bżonn tisseŭŭa il biċċa il ŭaħda u l'oħra.

—L'Iskof ħareġ *Pasturali* fuk ic-Centenarju Costantinjan. Fl'aħħar tagħha ifaħħar ħafna lil Cumitat, li ħabrec chemm felaħ sabiex jirnexxu il festi isiru chif inhu xierak, u igħid li hu cuntent b'collma għamel dac, imma m' hux biżżejied u jixtiek actar. Għalhecc kata' li fl'14 tax xahar jagħmel Pontifical fil Cnisja ta Giesu bil Capitlu tal Catidral miegħu u bil ferħa laka' l'istedina tal Fratellanza tal Crucifiss, u li ŭara il Kuddiesa, għal ħabta tal ħdax, icanta *Te Deum*, ŭakt li il Cnejjes tal belt, tal Furjana, tan-naħat l'oħra u tal Marsa idokku bil kniepen collha, u jordna li fil Catidral, fil Colleggiati u fil Parroċċi collha jitcanta dac in-nhar *Te Deum* fil ħin li jinġabru l'actar in-nies fil Cnejjes.

—D'il gimgħa ma chienitx ankas nieksa mid-disgrazzi; il belt, tifel ta sitt snin, chien kiegħed itajjar it-tajra, ŭaka' minn tlietin filata għoli; tas-Sliema, tifel ieħor ta tmien snin, biex igib bajtra gibed fuku ħajt tassejjeħ; it-tnejn chellhom jeħduhom l'isptar u ftit tama hemm li igħixu. Marsamxett, Lanċa laktet magħ dgħajsa, li chienet bla daŭl, u chissritha, imma ħsara ta nies ma chienx hemm. Taħt is-sŭar tar-Ricasoli, sabu suldat mejjet, li chien actarx ŭaka għal hemm isfel ŭakt li chien rieked. San Paŭl il Baħar, żeŭġ xbejbiet mil Mosta chienu igħerku, li ma kabiżx għalihom Ġusepp Sammut. Il belt, xebba ta sbatax il sena, li chellha xi tgħid magħ ommha, xorbot il velenu. Itini il bichi mita ngib kuddiem għajnejja li f'inkas minn xahrejn dan ġara' tliet darbiet. Fejn ŭasalna? Bcejjeċ bħal daŭn katt ma conna nisimgħu bihom. U mnejn gej dan? Jiena, jecc icolli, ngħid li gej mil bruda fil fidi. Mita tibred din, jonkos is-sabar fil hemm li Alla jogħġbu jżurna bih, mux biss imma *sottomissjoni* ucoll; dac li Alla għamel li iż-żgħir jisma' minn min hu acbar minnu u jokgħod taħtu, ma jinżlilniex iżjed u nfarfru rixna, u mita ma nistgħux nagħmluh niddejjku u nixbgħu minn ħajjitna.

IL HABBÀR.

## Hecc sejjra id-dinja!

SUNETT.

Fuk għôlja cont ke'd nara: ix-xemx għajjena
u l'ilma nieżel jilgħab ta ġo 'x-xmajjar,
xbejba sbejjħa tas-seŭ, tħares, ħosbiena,
fuk ġŭienaħ ta għasfur kiegħda tittajjar.

Għajnejha siŭed, cbar, ħarsiet il ħniena,
xuftejn tal kroll, ŭiċċha mibrum u smajjar;
ŭarajha ntlift, ħassejtni m'inhiex jiena:
ma ħabbejt katt u l'ankas xtakt nitħajjar!

Għaddejt f' ħolma ta mħabba ma dŭar sena:
Ma ħin-bla-ŭakt inbidel tiegħi 'l hena;
f'nichet u bichi, msejchen, bdejt ninfena.

Ġarrabt imrar li mħabba u cull ħruxija,
għax minni dic is-sura giet moħbija:
aħjar ma rajtha katt jeŭ karrket bija!...

GIUS. CAMILLERI.

# Chitbulna:—

I.

## Alofio di Wignacourt

JEŬ ID-DHUL TAL ILMA IL BELT.

Ix-Xjuħ tagħna chellhom, chif ucoll aħna għad għandna, obbligazioni lejn dan il Gram-Mastru, li saltan fis-sena 1600, allurmeta collu chemm hu chien mimli bil ħerka għall ħidma versu is-sudditi, chif is-sudditi chienu mixgħulin bl'imħabba lejħ.

Dana il Gram-Mastru meta ra li ħafna chienu jinsabu scarsi mill' ilma fi djarhom, x'għamel? Ħaseb sabiex cullħadd icun sostnut fid-duejjak tan-nukkas li igib l' ilma, necessarju u necessarju bil bosta.

Chienet is-sena 1614, ġurnata tat-2 t'April; u fil għodu, fid-disgħa, il Cnisja ta San Ġüann tal belt dakket mota bil kampiena il cbira; u, fl'istess ħin, bdiet tmarċa Processioni solenni għan-naħħa tal Palazz tal Belt, fejn l'Iskof chellu jiltaka mal Gram-Mastru, sabiex għall'eŭŭel darba f'Malta jigi miftuħ «L'ilma tal Pompa.» Intant innies tal bliet chif ucoll tar-rħula inġabru bil gzuz biex jaraŭ l'ilma iżennen. (ħaġa li għal daŭc iż-żmenijiet, f'Malta, chienet ŭisk rari!) U haŭn tridu taraŭ cull-ħadd jiffolla u jimbotta u bl'imħatra min għandu ħila jersak jixrob l'eŭŭel.

Meta il Processioni ŭaslet u cull-ħadd kagħad f'lôcu, bdeŭ jitcantaŭ is-Salmi; u chif ŭaslu fil vers: *Beati huma daŭc li jagħmlu gid lill għajrhom*, l'Iskof kâm b'ħarsa lejn is-sema; u għamel Talba lil dac Alla li fl'Onnipotenza tiegħu jibgħat x' ħin irid u chif irid l'ilma fl'art; u f'li stess ħin talbu sabiex jati għajnuna lill Benefatturi ta dic l'ôpra, li għall'eŭŭel darba dehret fuk l'art ta Malta.

Il Cleru, flimchien max-Xjuħ tagħna, ŭara it-Talba, ŭieġbu bil chelma *Amen*; u haŭn sâr sinjal bi sparatura biex juri li il Gram-Mastru ta' is-setgħa li cullħadd jista' jixrob u iġorr lejn id-dar minn dac l'ilma. Minnufiħ San Ġüann raġa' beda idokk, minn fuk il Palazz sâr *Salut Reali*, ix-Xŭieni sparaŭ, it-trombi dakkeŭ u in-nies bdeŭ jakbżu bil ferħ; f'chelma ŭaħda, sâr għors l'iżjed cbir! Li il Gram-Mastru għal din ix-xena minn għajnejħ bida nieżel id-dmuħ; u hecc intemmet dic il funzjoni, b'għajjàt: *Viva il Gram-Mastru Wignacourt!*

Viva l'ilma! Mela, chif kiegħdin naraŭ, il bażi principali tal għejjun f'Malta, huma gejjin mil Gram-Mastru Alofio di Wignacourt.

Issa ngħaddu għaż-żmien ta'llum, li kiegħduna fiħ l'Antinati tagħna, jigifieri chif ninsabu taħt il Protezzjoni tal Cbira u Liberali Inghilterra. U aħna insibu li il Gvern tagħna, ŭara li ninsabu mċaħħdin mid-drittijet collha tal Pajjiż, sejjer igibna fi stat l'actar miżeru, jigifieri li mill'eŭŭel ta Ottubru li gej, icollna inħallsu, bħala *Taxxa Direttissima*, l'ilma li naħtieġu għal cull bżonn tagħna.

Il Gvern tagħna xejn ma kagħad jaħsibha din il biċċa tal ilma!

Il Gvern tagħna xejn ma kagħad ifittex li stat li jinsab fiħ il ħaddiem, li ilu is-snin sħaħ jiggerra mat-triekat ta Malta biex isib ix-xogħol, u xogħol ma isib imchien!

Il Gvern tagħna xejn ma ta' cont li il ħaddiem ma isibx jakla ħakk chemm tisŭa ħobża: u minn fuk iridu iħallas tal ilma li biħ jixrob u jitnaddaf!

Cbira ŭisk li taħt il Gvern Ingliż fl'1913 għandna nħallsu l'ilma li tâna b'xejn *minn butu* il Gram-Mastru Wignacourt taħt il Gvern tal Cavalieri fl'1614!

L'Isla, fit-28 t'Aŭŭissu, 1913.

G. D. Gnni.

II.

« ALLA MAGĦNA »

Ŭasal f'ideijja ctieb bil Malti illi jismu « Alla Magħna », inchella « Siegħa ta Adurazioni kuddiem Gesù Sagramentat flimchien ma talb ieħor u tagħlim tar-ruħ li jinħtieġ ŭisk. » Il Ctieb hua maħdum minn Patri Carm Marija Diacono, Carmlitan: u giè magħmul actarx għal daŭc illi huma mictubin fl'Aggregazioni tas-Santissimu Sagrament, illi giet imŭakkfa canonicament anche haŭn Malta u mgħakkda mal Arciconfraternita Primarja ta Ruma, iżda hua fiħ ħŭejjeġ tajba għal cullħadd.

Jiena krajtu, flejtu bir-rekka collha dan il ctieb, u sibt li hua sabiħ ŭisk, mimli sa fuk b'dac collu illi jista ipaxxi ir-ruħ nisranija, il għaliex ma hemmx devozioni sabiħa u għażiża lejn Gesù Sagramentat, u il Kalb imkaddsa tiegħu, jeŭ lejn il Madonna taħt qualunque titulu, specialment taħt it-titulu minn tal Carmelu, lejn S. Giusepp, l' Anġli, il Kaddisin l' oħra u lejn l'erŭieħ tal Purgatorju, illi fiħ ma tinsabx.

Sabiħ: iżda żeŭġ ħŭejjeġ għoġbuni l' iżjed: l'eŭŭel ŭaħda hi il metodu, jeŭ maniera chif inhuma imkassmin daŭna id-devozjonijet; metodu l'iżjed ċar, li ma ifixchel xejn lil min irid ifittex xi devojonijet u xi talb: it-tieni hua it-tifsir tal bidu u tas-sura ta cull devozioni illi fiħ tinsab; b' maniera illi min jakra mhux biss jifhem x'kiegħed jitlob, iżda ucoll il għaliex kiegħed jitlob hecc, u chif u meta inbdiet dic it-talba u dic id-devozjoni.

Jiena naħseb illi dan il ctieb hua biżżejjed għal cull ruħ divota: f'cull ġurnata minn tas-sena hia issib ħŭejjeġ li igħoddu għaliha. Ctieb ta ma dŭar 500 faċċata u mimli tas-seŭ.

Min chitbu jixtiek ŭisk li dan il ctieb jixtered, specialment fost l'aggregati tas-SS. Sagrament, persŭas mil gid cbir illi hua jista jagħmel.

Jinbieħ xelin mingħajr legatura għand G Muscat Sda. Mercanti No. 48; għand Mercieca Audibert, ħdein il Cnisja tal Grieghi; għand Ġanni Bontempo, il Belt, kuddiem is-sagrestija ta S. Paŭl; għand T, Camilleri, librar kuddiem il Cnisja tal Carmnu tal Belt; għand Em. Risiott, Bormla, krib il Parroċċa; għand it-tipografu S. Cordina, il Birgu, strada Porta Maggiore No55,56; għand Rusar Depares, l'Isla, strada Due Porte, No. 242; għand Carmnu Fedele, ħaż-Żabbar, strada Reale No 57b; għand Anġlu Baldacchin, iż-Żejtun, strada Buon Consiglio No. 4; għand Cuncetta Cassar, l' Imdina, strada S. Nicola; għand Cortis, tas-Sliema, strada Prince of Wales; għand M. Rizzo, l'Imdina, Piazza Palma No 164; ħaż-Żebbuġ, fil librerija ta Audibert; S. Giljan, fil Cunvent tal Carmnu; il Marsa, fil Parroċċa tal Capuccini; Bormla, strada S. Margherita, No. 69.

Jecc meta jinbiegħu il copji collha, jibka xi klieħ ċchejchen, dan iservi biex issir fondazioni tal Aggregati tas-SS. Sagrament.

D. C. P.

# Mil Canada:—

I.

Montreal Citty,
Agostu, 1, 1913.

(*From Montreal Prison cell-26, St. Vincent de Paŭl*)

Sur Direttur tal Giurnal *Il Ħabib*,

Nitolboch li taghmilli piacir li iddaħħalli daun izzeug versi fill giurnal min tieghec li ien uakait fdin iddisgrazzia li geit prigiunier barra minn paijjsi ghax ureit is-sicchina lil uiħed Francis u issa iena ili haun fuk 8 xhur u il causa tieghi it-12 tax-xahar u ninsap haun u ma nafx bl'ingliz u l'ankas bill Francis: u maltin għandu icun ma haunx f'dan il pajjis; u l'unicu malti li iena naf u li hua veru Malti li chien jigi iaghmel vista ghat-taliani hua ismu James Barneacy. U meta sieħbi talian kallu: *Ma genbi haun Malti min paijisech*, allura issur Borneacy iggennen biex iarani mischin; u mil giurnata li sabni haun fill ħaps baka sal giurnata tall lum jigi jinvistani cull nar ta gimgha, u hu mischin anchi igibli xi bicca tabacc ghal pipa, u xi min dakkiet jati xi nofs dollaru ghalija lil guardian, biex nixrti izzoccor; u biex ingheidlech, Sur Direttur, barra milli nħalli fi ħsiebec, u anchi irrid inħalli li stima ta Sur Borneacy ma ħutu il Maltin ta Malta li dan hu veru Malti ħabib u patriott li iħobb mux il proxxmu ta pajjisu, imma biex ingheidlech il cliem tal consolazioni minn tieghu hu sbejjaħ uisk u li biex ien ingheidlec il veru dejjem nistenna u inħares ghall dic il giurnata imkazza tal gimgha li tigi biex naraħ u li ghamel ghalia geuua dan il ħaps nissoponi ma ighamlux ghalia il Maltin ta Malta, infatti anchi kala il permess mis-Suprentendent tal ħaps, igibli nakra il gurnal geuua il ħaps—il giurnal malti il *Ħabib*. Issa, biex inghidilcom min hua dac il Malti li sejjer iħabbat rasu fuk paisan min tieghu u imur igharaħ cul gimgha u dejjem isaksini jech irridx niccmandaħ xi ħaga u ighidli *iena dejjem is-seftur tieghec*; u li hu lankas ma hu mir-raħal tighi. Hu kalli li tuieled u imrobbi tas-Sliema: imma jech il Maltin ta tas-Sliema huma colla joħorġu pħalu, in-nies ta tas-Sliema dan il Malti igibilom unur fost il Maltin.

Allura, Sur Direttur, nitolboc li inti iggib dan fuk il giurnal tieghec, ghax ghandi ragiun inħalli il Maltin iafu fuk il kalb ta dan il Patriot min tieghi.

Iena dejjem tieghec,
Ġanni G.... (min ħal Gharghur.)

II.

Li Mgħallem Giuseppi Cassar, ta Birchircara, ŭieħed mill'aħjar bajjada li chellna u li chien imkabbad tajjeb haŭn il Belt, chiteb din l'ittra lil ŭieħed mis-Sinjuri li chien jaħdmilhom (ja ħasra, chemm imgienen ħalleŭ is-sħiħ għar-riħ):—

Belle River, 17 August 1913.

Għażiż protettur tighei, għandi ngħarrfec li ġo Toronto ma hemm l'ebda xogħol, u hemm ħafna nies kiegħdin u ma isibux fein jaħdmu imchien.

Aħna biex naħdmu ħriġna il barra min Toronto madŭar xi 700 mil u dalŭakt nilħku Detroit, li hi belt cbira ferm, ix-xogħol tagħna hu li inħaffru ħofor ta 7 piedi fond u 4 ŭisa u imbgħad inkegħdu ġo fihom ħadid cbir tal luce elettrica. Haŭnec għal min jaf li scola ma jisŭa xein, għax għal offizzijet innisa jaħdmu: ma ikabdux irgiel: ara chemm hu hecc li haŭn ŭieħed mgħana chien scrivan mal Gvern Malta u issa kiegħed magħna jaħdem bil pala u il fies, u l' ankas il periti ta Malta ma huma stmati xejn. U jena jecc ma nsibx xi post taħt is-sakaf għax-xitŭa actarx narġa nigi Malta. U jecc icun gei xi ħadd mit-tfal tigħec ara thalliħ għax haŭn bil għarak jinkalgħu il flus: xejn ma ngħidlec, cull min jigi ibati ferm seŭŭa mil ichel u seŭŭa mix-xogħol; u jec tcun taf li gei xi ħadd barrani ħassarlu ucoll ferm, tcun tagħmillu piacir cbir, għax, bħal ma għedtlec, li aħna kiegħdin ġo bosc collu siġar u bakar, norkdu ġo camp u ix-xogħol ma tantx hu imħallas, għax hu 10 soldi is-sigħa, mentri li imissu 14 il sold: aħna naħdmu dakka 12 il sigħa u dakka 13; u malli immorru il camp irridu insajru u naħslu, insomma ħafna xogħol li katt ma għamilnieħ; u ġo li bliet mhux bħal ma igħidu Malta li trid tokgħod bil għonk u iċ-ċoff, imma jokogħdu bi

kmis seŭda. Issa inselli għalicom u għal familja tagħcom collha u jecc jistaksu xi sinjuri għalija selli għalihom ħafna u għidilhom li ma nictbilhomx għax jen nicteb ma nafx u min jictibli ma nsibx. Addio: l'indirizz hu: Chatham Hydro Electric Power Commission. Ontario. Canada. GIUSEPPE CASSAR.

## IL VESSUVJU.

*(Jakbad fuk il għadd 77)*

It-tkankila tas-6 ta Novembru tas-sena 472 tibda il ġrajja tat-tieni żmien ta tfiegħ ta nar tal Vessuvju; dana il għaŭġ dâm ma dŭar sentejn: iŭettkuna fis-sħiħ li ir-rmied ta dac in-nhar ŭasal sa ġeŭŭa Tripli u Costantinopoli, ŭisk bix-xaba, li bażża saħansitra daŭc in-nies hecc fil bogħod. Procopju isemmi li is-sena 500 chienet ħabta ta tfiegħ to nar; fil 512 chien hemm ucoll tefgħa nar tal biza; fil 536 il Vessuvju chien għadu jitfa in-nar u strieħ għal iżjed minn mit sena, u bit-tefgħa nar tax-xahar ta marzu tas-sena 685 jagħlak it-tieni mixja tiegħu fil ġrajja tad-dinja.

It-tielet żmien jidher minn cull naħa li beda bejn is-sena 991 u id-993, bi ħruġ ta nar li fuku ma jafux seŭŭa iż-żmien u' l ħsara li għamel; hi chif in hi, fis-27 ta Frar 1036 chellna mil ġdid ħruk bi xkuk ta nar cbar u tal biża ma tŭl il munġbell collu, li minnhom il-lava ħarget fi gliegħel sal baħar, li b'hecc taŭŭlet il għaŭġ għal sentejn oħra; ħarġa oħra nar ħafifa tissemma ucoll għall ħabta tal 1049-1050, u oħra gŭappa ferm ġrat nhar id-29 ta Mejju 1138, li damet għal sena sħiħa, u li biha aħna ŭasalna biex natu tmiem għat-tielet mixja tal ġrajja tal Vessuvju.

Mil 1139 sa l'1631, insibu li ma chien hemm ebda ħoss tiegħu, li saħansitra bil chemm chien imċaklak minn dic it-tefgħa nar, li actarx m'hi minnha xejn, tal 1306, imsemmija biss minn Leandru Alberti, u mix-xeħtiet ta nar iżjed jeŭ inkas cbar, imsemmjia minn tûl 1500 u għall ħabta tal 1575-82. Hi chif in hi, ir-raba' mixja fil ġrajja tad-dinja tal Vessuvju tinfetaħ bi frattarija u ħsejjes cbar.... bit-tefgħa li ma bħalha tal 15-18 ta Dicembru 1631, li ŭasslet ir-rmied sa ġeŭŭa id-Dalmazja, u li ma dŭar il vulcan ir-rmied għola għal 15 il xiber, fil ŭakt li il-lava chienet tiġri b'ħeffa u b'cotra cbira ma tŭl iż-żorżikjet li jiġu għan-naħa ta fejn tgħajb ix-xemx, f'dic in-naħa ta bejn Torri Annunziata u San Ġorġ ta Cremanu, minn cull fejn għaddiet ħarbtet u ħarket collox bi tliet elef ruħ maħħom! Dina it-tefgħa nar tal biża ŭakfet fil 25 ta Frar 1632; il mirżuk tan-nofs tagħħa tbaxxa iżjed minn 551 pjed. It-torok tal-lum ta Napli huma iċ-ċangati bil-lava tal 1631; ftit ŭisk għall ħsara li chienet!....

Minn dic in-nhar, il ġrajja tal Vessuvju bil ftit il ftit bdiet is-sir iżjed bir-rekka, b'risk li stampa li ivventaŭ.

Nimxu il kuddiem iżjed għaldakshecc u naraŭ iċ-ċaklikiet żgħar tal 1637, tal 1649-50, ta Frar-Marzu 1652 u tal 25 ta Frar 1654; naraŭ ucoll il ġrajja ta Lulju 1660, it-tfiegħ ta Aŭŭissu 1682, ta Ottubru 1685, tax-xitŭa tas-sena 1689, u ta Marzu-April 1694; din tal aħħar b'tefgħa cbira ta lava in-naħa tal majistral. Taraŭ, hux tasseŭ?, b'chemm ftietak incunu nafu bl'invenzjoni ta li Stampa?....

Geŭ, mbgħad, fuk il Vessuvju sentejn li fihom ma tħarrec xejn; għal 31 ta Lulju 1696 beda mil ġdid il għaŭġ tiegħu, f'Settembru 1697 insibu li raġa tkankal, imbgħad jibka sejjer: f' Mejju 1698, f' Lulju 1701, fi Frar 1703, fi Frar-Lulju 1705, sachemm niltakgħu ma dic il ħsara cbira ta bejn it-28 ta Lulju u it-3 t'Aŭŭissu 1707, imsieħba ucoll bi tfiegħ ta nar żgħir f'Aŭŭissu 1708, fi Frar 1712, u fl'1717-18, u oħrajn li bakgħu jiżdiedu u ġejjin il kuddiem sa chemm fakkgħet dic it-tefgħa cbira tas-17-28 Marzu 1737, illi biha, minn ħandak li nchixef lejn nofsinhar, niżel għal fuk Resina ŭied lava, li baka sejjer sa'l baħar, ŭara li ħabat mal cnisja tal *Erŭieħ* u ħarbat il Cunvent tal Carmnu u djar oħra.

Ŭara sicta oħra ta seba' snin, fl'1744 tibda ħin bla ŭakt ħabta oħra ta tfiegħ ta nar li il ġrajja tfaccarhom hecc fl'1751, 1754,1759,1761 u 1766, li chellhom l'aħħar ħruġ tagħħom f'Aŭŭissu-Ottubru 1767.

*(Jissocta)* GIUSEPPE MICALLEF GOGGI.

## Ma dûar id-dinja.

*Balcani*—Schiet cbir: nafu biss li li Stati bejniethom, kabel ma tingħakad seŭŭa il paci, flimchien mat-Turchija, kiegħdin jifthemu fuk it-tkassim tal bliet u tal artijet u fuk il ħlas ta flus għall ħsarat u in-nefka tal gŭerra. Il Bulgarja imbgħad minn taħt minn taħt għadha tħares lejn il Grecja bħala għadu taħħa, u għaldakstant tibża minnha: jintgħad ucoll li il Bulgarja, malli tcun mgħakkda il paci, għandha tissieħeb u tingħakad bi trattat mat-Turchija, sabiex jatu għajnuna lil xulxin contra il Grecja, jecc dina taħbat titkankal contra xi ŭaħda minnhom, chif jaħsbu.

*Inghilterra*—Il Princep Albertu giè mir-Re imkiegħed bħala *Midshipman* fuk il fregata *Collingwood.*

Fl'Iscozja, fil ŭakt li trên mgħaġġel chien ŭakaf għaliex naksu li *steem*, laħak fuku trên ieħor mgħaġġel ucoll li bħalu chien sejjer Glasgow.—Chienet nieżla xita bil kliel, u għaldakstant iż-żeŭġ treni ma raŭx is-sinjali ta tŭakkif u bħala sajjetta laħak ŭieħed fuk l'ieħor u il mâgna daħlet ġo l'aħħar erba' carrozzi tal eŭŭel trên, li tfarrcu u kabdu. Mietu seba' nisa, żeŭġ irgiel, żeŭġ ti tfal u tlieta oħra li, billi actar maħrukin mill'oħrajn, ma satgħux igħarfuhom, jecc huma irgiel jeŭ nisa: ħafna oħra bakgħu feruti u bosta minnhom għall meŭt u fost daŭn l'ex-Ministru ta New Zeeland.

*Irlanda*—F'Dublin, fost il ħaddiema hemm xjoperu: geŭ fl'idejn mal Pulizija, li giet imħaġġra — 300 xjoperant u 40 pulizjott bakgħu feruti. Chien hemm ucoll xi mejjet: giè arrestat il cap taħħom, certu Lankin.

*Ruma*—Għall festi Costantinjani, culljum kiegħdin jaslu pellegrinaġġi: ŭieħed minn Sardinja, li ġà ħalla Ruma, ieħor minn Milan ta 1500 ruħ, ieħor minn Pjacenza, ieħor minn Parma, ieħor minn Venezja, ieħor issa minn Skallija.

*Ġappun*—Tifun (uragan cbir) gira ma dŭar Tokio; ktajja ta nies mietu: 1500 dar geŭ mgħarrka f'Tokio biss—ħsara cbira ġrat lill ferrovija.

*Cinematografu*— Hu veru deni iċ-Cinematografu, li jista jagħmel tant gid u kiegħed jagħmel tant ħsara—cullimchien issibu: issa cumpanija franciża talbet sabiex tippianta ŭieħed fuk il ferrovija li mir-Russja tmur fis-Siberija—il ħlas icun ta xelin.

*Purtugall*—Manŭel,Re tal Portugall, tejjeġ mal principissa Aŭgusta Vittorja tal Germanja, fil ħamsa tax-xahar. Il fidili tiegħu għamlulu festi ta ferħ cbir.—It-tieġ sar kuddiem il Cardinal Netto, presenti 80 personaġġ riali, u fosthom il Princep ta Galles.

*Messicu*—Il President ta li Stati Uniti ŭissa l'Americani li kiegħdin fil Messicu sabiex f'kasir żmien iħallu dac il pajjiż—ħafna ġa telku.—Jistenneŭ li ma iddumx ma tfakka gŭerra.

*Ċapriċ*—Certa Sinjura Paŭla de Diaz, armla miljunarja minn Valparaiso (America tas-Sud) giet imŭissija mit-tobba taħħa f'New York li tista' tmut minn mument għall'ieħor b'marda gravi li għandha. Hi skarret li trid tmut f'pajjiżha: u għaldakstant telket imsieħba minn tabib, infermiera u camriera: iżda maħħa ħadet ucoll *tebut* abbord tal vapur: criet cabina, biex fiha għalket it-tebut, li fiħ ordnat li ikiegħduha u iŭassluha pajjiżha, jecc tmut fil vjaġġ tal baħar; u ordnat li jecc tasal ħajja sal Panama, allura li stess isir fil ferrovija. Verament chien vjaġġ ta pjacir cbir għal min chien maħħa. L. M. C. G.

## TFAJJLA.

Ja tfajjla t'għajnejc żorok,
Tidħac lid-dinja li 'ssieħlec bil ħleŭŭa,
Jeŭ lil tal ġenna 't-torok?
X'in hija 'l ħolma tiegħec, kerk o seŭŭa?
Int tcun ucoll sabiħa
Mita żagħżugħa 'ssir ta tnax il sena:
Xi trid? Ix-xeŭc tal ŭarda collha fŭiħa?
Fi ħsiebec tgħix fil hemm, inchella fl'hena?
Ja tfajjla t'għajnejc żorok,
Kiegħdin ħajja u żogħżija jistenneŭc.
Il ħajja hi sbejjħa, tafx!. Tnejn huma 't-torok.
Tinsiex illi m'hemmx ŭarda mingħajr xeŭc!

G. ARENA.

## «Is-St. John Ambulance Association.»

MALTA.

1. IL ĦAMRUN, nhar-il-Gimgħa, fis-6, ŭara nofs in-nhar, icun hemm *Conferenza* fuk il «FIRST AID» (l'*eŭŭel għajnuna*) fl'iscola tal Gvern.
2. LI MSIDA, nhar-il-Ħadd, fid-9 ta filgħodu, jibda *Cors* tal «FIRST AID» (l'*eŭŭel għajnuna*) fl'iscola tal Gvern.

Id-dħul għar-rgiel biss u gratis.

W. R. GATT,
*Segretarju.*

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.— 72. Mhux min igħid *Mulejja, Mulejja*, jidħol fis-Saltna t'Alla, imma min jagħmel dac li irid Hu.

KAŬL MALTI.

L'iblaħ jakla' għajnu u jibda jifraħ.

FRAC TAD-DEHEB.

Alla għamilna, ma sirniex b'idejna: mela, għax niftaħru b'saħħitna u bi ġmielna?..

†

Itolbu il mistrieħ ta dejjem għar-rŭieħ għeżież:

I.

tas-Sinjurina
RICCARDA SAVONA,
oħt is-Sur Gismond Savona, Alla jatiħ il Genna.

Chienet mara tajjba u ħsiebha ma chienx imkassam ħlief bejn il Cnisja u id-dâr.

G. B.

II.

tas-Sinjura
MARIANNA CALLEJA,
mart li Spettur Bascal u oħt l'Assistent Suprintendent Ninu Busuttil, li mietet, Bormla, nhar il ħamis li għadda, fit-8 u nofs ta fil għodu, ta 30 sena. Chienet mara mill'aħjar, ħsiebha f'Alla u fil familja taħħa. Id-daŭl tal Genna lilha u is-sabar lill niesha collha; fosthom, kuddiem nett, is-Sur Vincenzu Busuttil, missierha, ragel maħbub mit-trab tal art.

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA.

1. Jena nati.
2. Jen nitlgħab.
1. 2. Jen nittiechel, għad li trâb.

S. S.

L'aħħar *Monoverb* chien:
B-ut — *bût.*

Ma giebux tajjeb ħlief is-Sur P. P. Borġ, mil Belt.